DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Frar 2010

li tistabbilixxi l-klassijiet tal-kapaċità ta' reazzjoni għan-nar ta' ċerti prodotti għall-bini fir-rigward ta' komposti għat-tgħaqqid li jinxfu bl-arja

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 399)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2010/83/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-prodotti għall-bini [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 20(2) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 89/106/KEE tipprevedi li biex jiġu kkunsidrati livelli differenti ta' ħarsien għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, jista' jkun meħtieġ li jiġu stabbiliti fid-dokumenti interpretattivi, klassijiet li jikkorrispondu mar-reazzjonijiet tal-prodotti fir-rigward ta' kull rekwiżit essenzjali. Dawn id-dokumenti ġew ippubblikati bħala l-"Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tad-dokumenti interpretattivi tad-Direttiva 89/106/KEE [2]".

(2) Fir-rigward tar-rekwiżit essenzjali għas-sikurezza f'każ ta' nar, id-dokument interpretattiv Nru 2 jelenka għadd ta' miżuri interrelatati li flimkien jagħtu definizzjoni tal-istrateġija tas-sikurezza kontra l-ħruq li se tiġi żviluppata b'modi differenti fl-Istati Membri.

(3) Id-Dokument Interpretattiv Nru 2 jidentifika waħda minn dawk il-miżuri bħala l-limitazzjoni tal-bidu u l-firxa tan-nar u d-duħħan f'żona partikolari billi jiġi limitat il-potenzjal tal-prodotti tal-kostruzzjoni li jikkontribwixxu għall-iżvilupp sħiħ tan-nirien.

(4) Il-livell ta' din il-limitazzjoni jista' jiġi espress biss f'termini tal-livelli differenti ta' reazzjonijiet għan-nar tal-prodotti fl-applikazzjoni aħħarija tagħhom.

(5) Għal soluzzjoni armonizzata, ġiet adottata sistema ta' klassijiet fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/147/KE tat-8 ta' Frar 2000 li timplementa d-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE rigward il-klassifikazzjoni tar-reazzjoni għan-nar tal-prodotti għall-bini [3].

(6) Fil-każ ta' komposti għat-tgħaqqid li jinxfu bl-arja, jeħtieġ li tintuża l-klassifikazzjoni stabbilita fid-Deċiżjoni 2000/147/KE.

(7) Il-kapaċità ta' reazzjoni għan-nar ta' ħafna mill-prodotti u/jew materjali tal-kostruzzjoni, skont il-klassifikazzjoni prevista fid-Deċiżjoni 2000/147/KE, hija stabbilita sewwa u magħrufa biżżejjed mir-regolaturi tan-nirien fl-Istati Membri, tant li ma jeħtieġu l-ebda testijiet għal din il-karatteristika partikolari ta' reżistenza.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kostruzzjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-prodotti u/jew il-materjali tal-kostruzzjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha tal-karatteristika tar-"reazzjoni għan-nar" mingħajr ħtieġa ta' aktar testijiet huma stipulati fl-Anness.

Artikolu 2

Il-klassijiet speċifiċi li għandhom jiġu applikati għal prodotti u/jew materjali differenti tal-kostruzzjoni, skont il-klassifikazzjoni tar-reazzjonijiet għan-nar adottata fid-Deċiżjoni 2000/147/KE, huma stipulati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

[1] ĠU L 40, 11.2.1989, p. 12.
[2] ĠU C 62, 28.2.1994, p. 1.
[3] ĠU L 50, 23.2.2000, p. 14.

Artikolu 3

Il-prodotti għandhom jiġu kkunsidrati f'rabta mal-applikazzjoni tal-użu aħħari tagħhom, fejn rilevanti.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Frar 2010.

Għall-Kummissjoni
Günter VERHEUGEN
Viċi President

ANNESS

It-tabella murija f'dan l-anness telenka l-prodotti u/jew il-materjali għall-bini li jissodisfaw il-ħtiġijiet kollha tal-karatteristika tal-imġieba "reazzjoni għan-nar" mingħajr ħtieġa ta' testijiet.

Tabella

Klassijiet tal-kapaċità ta' reazzjoni għan-nar ta' komposti għat-tgħaqqid li jinxfu bl-arja

Prodott [1]	Karatteristiċi tal-prodotti għas-sistema ta' tgħaqqid	Kontenut massimu organiku (% fil-piż)	Klassi [2]
Komposti għat-tgħaqqid li jinxfu bl-arja għat-twavel tal-ġipsum użati flimkien ma' tejp tal-karta għat-tgħaqqid. Pejst lest għall-użu, jew trab li jitħallat bl-ilma, fuq kull sustrat ta' mill-inqas klassi A2-s1,d0 bi ħxuna ta' mill-inqas 6 mm u b'densità ta' mill-inqas 700 kg/m^3 (minbarra l-uċuħ tal-art)	Komposti għat-tgħaqqid li jinxfu bl-arja tat-tipi 1 A, 2 A u 3 A u tejp tal-karta għat-tgħaqqid [3] skont l-EN 13963	7,0	A2-s1,d0

[1] Id-densità tal-kompost għat-tgħaqqid imxarrab mill-inqas 1,1 kg/litru (1 100 kg/m^3).
[2] Il-Klassi kif prevista fit-Tabella 1 tal-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/147/KE.
[3] Il-wisa' massimu tat-tejp tal-karta għat-tgħaqqid: 55 mm; Il-massa massima tat-tejp tal-karta għat-tgħaqqid għal kull unità ta' erja: 135 g/m^2.